- *KOMPETENZA RATIONAE MATERIAE* -

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 228/2014/LSO**

**Carmen Giordmaina**

**vs**

**Odette Manicaro u ghal kull interess li jista' jkollu Peter Manicaro**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Mahluf ta' Carmen Giordmaina detentrici tal-karta tal-identita` numerata 513648M datat 17 ta' Marzu 2014 fejn bil-gurament taghha Carmen Giordmaina ikkonfermat li taf personalment: -

IIli r-rikorrenti Carmen Giordmaina u Kristinu Giordmaina zzewgu fit-23 ta' Gunju 1968 (Dok A).

IIli fit-12 ta' Lulju 2002 Kristinu Giordmaina miet (Dok B huwa c-certifikat tal-mewt tieghu). Dok C u D huma r-ricerki dwar it-testmenti tad-*decujus.* Dok E huwa l-ahhar testment ta' Kristinu Giordmaina - cioe' t-testment *unica charta* ma' martu Carmen Giordmaina maghmul fl-20 ta' Marzu 1983 in atti Nutar Francis Micallef. Bhala eredi, Kristinu Giordmaina halla lil uliedu mwielda u naxxituri. Hu halla ukoll b'legat l-uzu u uzufrutt ta' gidu lil martu l-attrici Carmen Giordmaina;

IIli l-attrici Carmen Giordmaina hi l-unika inkwilina ta' artijiet li qeghdin fil-Kuncizzjoni u fid-Dwejra/Il-Qlejja z-Zghira, limiti tar-Rabat (Malta).

IIli tul hajjet Kristinu Giordmaina, hu u martu l-attrici kienu cedew lill-intimata/i parti mill-art fil-Kuncizzjoni ta' daqs ta' tomna wahda minn *tenement* 50545.

Illi l-intimati, kontra r-rieda tar-rikorrenti, arrogaw ghalihom u minghajr jedd jew ebda titolu okkupaw parti akbar mill-art lilhom koncessa kif imsemmi fil-paragrafu precedenti, u

dan billi ppossessaw ruhhom minn diversi bcejjec ta' art li jinsabu ghand l-attrici bi qbiela.

Illi l-art li qed jokkupaw l-intimati abbuzivament u bla titolu tispetta lill-attrici Carmen Giordmaina bi qbiela; f'din l-art hemm ukoll *farm* tal-hniezer li l-intimati qed juzaw. Minhabba illegalitajiet kommessi mill-istess intimata/i, inhareg *enforcement notice* mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Illi Dok J1 u J2 huma pjanti u fejn hemm immarkat bl-ahdar, dawn huma l-partijiet li qed jokkupaw l-intimati minghajr titolu u ghaldaqstant illegalment.

Illi l-intimati ghandhom ukoll ihallsu kumpens lill-attrici Carmen Giordmaina ghall-okkupazzjoni bla titolu li huma ghandhom fuq dawn l-artijiet.

Illi l-attrici interpellat inutilment lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-art li qed jokkupaw minghajr ebda titolu, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw minghajr ebda titolu u ghaldaqstant illegalment art u *farm* li huma mqabbla lill-attrici, minghajr ma l-intimati ghandhom jedd li jiddetjenu tali art - liema art hi ndikata bl-ahdar fil-pjanti annessi bhala Dok J1 u J2;

2. Tordna lill-intimati jizgombraw mill-immobbli/art kollha indikata bl-ahdar fil-pjanti appena riferiti, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tillikwida l-kumpens dovut mill-intimati lill-attrici ghall-okkupazzjoni bla titolu tal-art u l-farm kif indikat.

4. Tordna lill-intimati jhallsu lill-attrici l-ammont kif likwidat fit-tielet talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta' Odette Manicaro 52376(M) u Peter Manicaro ID 238175(M) datata 23 ta' April 2014 (fol 20) fejn bir-rispett u bil-gurament taghha Odette Manicaro 52376(M) ikkonfermat is-segwenti:

1. Illi preliminarjament qed tigi ecceipita l-inkompetenza ta' din l-Qorti *stante* li l-mertu jirrelata ma' lokazzjoni u dan kif jirrizulta anke inter alia mill-paragrafu numru 4 tar-rikors guramentat. Illi *di piu'* l-azzjoni tittratta ukoll l-fond li huwa r-residenza ordinarja tal-intimati;

2. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan billi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

3. Illi l-azzjoni kif mressqa mir-rikorrenti hija insostenibbli billi hi mhix il-proprietarja' tal-fond imma biss inkwilina kif jirrizulta *del tronde* mir-rikors guramentat taghha stess. Jirrizulta ukoll li hi mhix l-unika inkwilina ta' l-istess artijiet fil-fatt hemm ukoll inkwilini ohra u cioe' 4 ahwa tad-defunt zewgha kif ukoll l-istess intimata Odette Manicaro (ara Dok A u B);

4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost bil-kontra ta' dak allegat mir-rikorrenti, l-esponenti ghandhom titolu fuq l-artijiet li huma effettivament qed jokkupaw (ara Dok C u Dok D) inkluz fuq ir-razzett imsemmi (ara Dok E sa Dok J) u dan kif jirrizulta, *inter alia*, mill-paragrafu 4 tar-rikors guramentat stess u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza);

5. Illi l-intimati jghixu fuq l-istess art flimkien mal-familja taghhom u dan ghal aktar minn 10 snin. Fuq l-istess art, faccata ta' l-intimati tghix ir-rikorrenti wkoll;

6. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost tezisti inkonsistenza fil-pjanti annessi mar-rikors guramentat J1 u J2 u dan billi fiz-zewg kopji notifikati lill-intimati hemm porzjonijiet differenti ta' art immarkata bil-kulur ahdar;

7. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq espost fil-pjanti gia' imsemmija qed issir indikazzjoni ta' porzjonijiet ta' art li l-esponenti ma jokkupawx u ma jippossjedux specifikatament dawk inkluzi fil-pjanta J1 fuq in-naha tal-lemin indikata bhala 'parcel 1' u z-zewg porzjonjiet indikati fil-pjanta J2;

8. Illi fil-fatt mhux korrett dak premess fir-rikors guramentat ossia li l-esponenti gew notifikati ittra ufficjali qabel din il-kawza;

9. Illi l-esponenti ghandhom titolu kemm fuq it-tenement 50545 fejn huma ghandhom ir-residenza ordinarja taghhom kif ukoll ir-razzett immarkat bhala parcel 2 fil-pjanta J1;

10. Illi ghar-rigward it-talba ghall-hlas ta' kumpens dan qed jigi kontestat billi m'hemmx danni jew kumpens li jrid jithallas u dan billi l-esponenti qed jokkupaw skont il-ligi u *in ogni caso* r-rikorrenti ghandhom jipprovaw dawn id-danni;

11. Illi l-intimati qed jipprevalixxu ruhhom minn dan ir-rikors guramentat biex jaghmlu l-Kontro-talba taghhom f' dan ir-rigward.

Rat il-Kontro Talba tal-intimati Odette Manicaro ID 52376(M) u Peter Manicaro ID 238175(M) datata 23 ta' April 2014 a fol 23 tal-process fejn bir-rispett u bil-gurament taghha Odette Manicaro 52376(M) rikonvenzjonanti bil-gurament taghhom iddikjaraw:

Illi r-rikorrenti ghandhom favur taghhom l-inkwilinat ta' parti mill-art fil-Kuncizzjoni limiti tar-Rabat Malta ta' daqs ta' tomna wahda minn Tenement 50545 li giet ceduta lill-intimata mid-defunt missierha Kristinu u r-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Giordmaina u dan kif jirrizulta mill-anness Dok C-E;

Illi jirrizulta ghalhekk li t-tenement 50545 giet assenjata *in parte* lill-intimata Odette Manicaro u *in parte* lir-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Giordmaina u ohrajn b'mod indiviz bejniethom;

Illi r-rikorrent Carmen Giordmaina qed tokkupa esklussivament favur taghha parti mill-art inkwistjoni u li tifforma parti mit-tenement 50545 kif immarkat bl-isfar fuq dokument mmarkat Dok K u dan kontra r-rieda tal-intimati rikonvenzjonanti minghajr jedd u ebda titolu biex jaghmlu dan;

Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ghandha wkoll thallas kumpens lilll-intimati rikonvenzjonanti ghall-okkupazzjoni abbuziva taghha fuq din l-art;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex ghar-ragunijet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonata Carmen Giordmaina minghajr titolu u kontra r-rieda tal-intimati

rikonvenzjonanti qed tokkupa l-art indikata bl-isfar *fuq* il-pjanta Dok K;

2. Tordna lir-rikorrenti tizgombra mill-immobbli/art kollha indikata bl-isfar fil-pjanta Dok K u dan fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti;

3. Tillikwida kumpens dovut mill-attrici rikonvenzjonata lill-intimati rikonvenzjonanti ghall-okkupazzjoni abbuziva taghha ta' l-art indikata fil-pjanta Dok K;

4. Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata thallas lilll-intimati rikonvenzjonanti l-ammont kif likwidat fit-tielet talba.

Bl-ispejjez u r-rikorrent hija minn issa ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Carmen Giordmaina detentrici tal-karta tal-identita` numerata 513648M ghat-talba rikonvenzjonali pprezentata mill-intimati datata 9 ta' Mejju 2014 a fol 40 tal-process fejn bir-rispett u bil-gurament taghha kkonfermat li taf personalment :

1. Fl-ewwel lok, il-kontradittorjeta' u l-inkompatibilita` tat-talba rikonvenzjonali fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti rikonvenjenti, u dana billi filwaqt li fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti eccepew l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *ratione materiae,* fl-istess waqt huma pprezentaw kontro-talba li hi identika ghall-azzjoni ventilata mill-attrici. L-eccezzjoni tal-inkompetenza

sollevata mill-intimati giet ghalhekk newtralizzata u rinunzjata mill-istess intimati. It-talba rikonvenzjonali hi wahda, fl-intier taghha, inkompatibbli mar-risposta tal-intimata.

2. Illi fil-mertu, ma huwiex minnu li attrici rikonvenuta qed tokkupa dik il-parti mill-art fil-Kuncizzjoni formanti parti minn *tenement* 50545 li dwarha ghandha titolu l-konvenuta, u ghalhekk it-talbiet kollha dedotti fit-talba rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-konvenuti rikonvenjenti.

3. Ir-rikorrenti rikonvenuta minn issa stess titlob l-isfilz tad-Dokument J, konsistenti f'korrispondenza mibghuta bejn il-konsulenti legali *bla pregudizzju,* liema dokument ma messu qatt gie esebit.

Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' sottomissjonijeit ta' Odette Manicaro ID 52376(M) u Peter Manicaro ID 238175 (M) datata 9 ta' Marzu 2016 a fol 114 tal-process.

Rat in-nota ta' sottimissjonijiet tal-konvenuta (recte:attrici) Carmen Giordmaina (detentrici tal-karta tal-identita` numerata 513648M) datata 19 ta' April 2016 a fol 123 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 28 ta' April 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-

partijiet, li rrimettew ruhhom ghan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom. Il-kawza giet differita ghas-sentenza / digriet fuq l-eccezzjoni tal-*'kompetenza rationae materiae'* ghat-2 ta' Gunju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

It-talba odjerna hija wahda ghall-izgumbrament tal-intimati minn art u *farm* li qeghdin fil-Kuncizzjoni u fid-Dwejra/il-Qlejja z-Zghira, limiti tar-Rabat, *stante* l-allegat okkupazzjoni bla titolu tal-intimati. Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina biss il-kwistjoni tal-kompetenza sollevata fl-ewwel eccezzjoni fir-risposta guramentata.

Il-**fatti fil-qosor** huma s-segwenti. Ir-rikorrenti Carmen Giordmaina u zewgha, li miet fit-12 ta' Lulju 2002, kellhom bi qbiela artijiet li jinsabu fil-Kuncizzjoni u fid-dwejra/ Il-Qlejja z-Zghira, Limiti tar-Rabat. Jirrizulta li permezz tal-ahhar testament *unica charta* ta' Kristinu Giordmaina, halla lil uliedu bhala eredi, u lil martu thalliet, b'legat l-uzu u l-uzufrutt ta' gidu kollu, Dok E (fol 9-11). Jirrizulta li r-rikorrenti u zewgha kienu cedew lill-intimati parti mill-art fil-Kuncizzjoni fid-daqs ta' tomna, formanti minn tenement 50545. Ghalhekk, irrizulta li l-intimata giet rikonoxxuta mid-Dipartiment tal-Artijiet hekk kif jidher f'Dok esebit a fol 28 tal-process.

## Provi:

**Osterious Aquilina,** (fol 52-60, fol 63-66, u fol 74-80)[1] *Operation Manager* fid-Dipartiment tal-Artijiet xehed u esebixxa **Dok OA1** li hi lista ta' nies rikonoxxuti fl-art bin-numru 50545. Hu esebixxa wkoll Dok OA2 fejn jidhru l-artijiet f'Dok a fol 12 u 13, fuq il-pjanta esebita minnu. Semma li l-parti mmarkata bin-numru 2 taqa' taht zewg artijiet, f'tenement 50545, f'50544.

Muri d-dokument esebit mill-intimati a fol 28, ikkonferma li Odette Manicaro hi biss rikonoxxuta fuq tenement 50545 biss, u d-daqs totali ta' dak it-tenement 50545 huwa ta' akbar minn tomna. Spjega li min-naha tad-Dipartiment tal-artijiet dawn l-artijiet huma mnizzlin bhala *in solidum.* Hu indika b'cirku r-razzet in kwistjoni fuq il-pjanta a fol 61, minn fejn jirrizulta li parti kbira minn dan ir-razzett jinsab fit-tenement 50544, f'liema tenement l-intimata m'ghandhiex titolu ta' qbiela, filwaqt li parti izghar mir-razzett jinsab f'tenement 50545.

**Odette Manicaro xehdet** (fol 82-86)[2] u ndikat il-parti tal-art detenuta minnha fil-pjanta esebita a fol 61, li jinsabu fil-parti numu 3 u fil-parti numru 2. Qalet li ghandha titolu ta' qbiela mad-Dipartiment tal-Artijiet ta' 1124 metri kwadri f'parti mill-art 50545. Semmiet li ghadha thallas il-qbiela fuq din l-art u fir-rigward tar-razzett, dan bdiet tiehu hsiebu hi wara l-mewt ta' missierha. Hi esebiet pjanta a fol 89 u

---

[1] Seduta tat-3 ta' Lulju 2014, Seduta tal-4 ta' Novembru 2014, u Seduta tat-23 ta' April 2015

[2] Seduta tas-16 ta' Gunju 2015.

ndikat li l-art li taghmel uzu minnha jaqghu kollha taht it-tenement 50545.

In **kontro-ezami** (fol 92-96)[3] ikkonfermat li t-titolu taghha hu ta' qbiela, hi tad-daqs ta' tomna. Qablet li kkapparrat ghaliha daqs ta' art definita konsistenti ukoll f'razzett u f'residenza, li kkonfermat huma ghall-uzu esklussiv taghha. Qalet li ghalhekk tuza, wkoll art li hi akbar minn tomna u li tinsab f'tenement 50544, bil-permess ta' ommha u ta' hutha.

**Kunsiderazzjoni ta' dritt:**

Hu pacfikament accettat illi l-kompetenza ta' Qorti hi determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjoni moghtija mit-termini tal-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, t-talbiet u l-premessi taghhom li jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha. (**Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et**, Appell, - 7 ta' Ottubru 1997).

Il-pozizzjoni legali fil-materja ta' kompetenza *rationae materiae* tal-Qrati ordinarji u dawk ta' kompetenza specjali f'kawzi konnessi ma' kirjiet urbani kienet ormai pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Bl-introduzzjoni tal-**Att X tal-2009**, izda dahlu fis-sehh xi tibdiliet li wessghu l-kompetenza tal-Bord tal-Kera.

---

[3] Seduta tal-10 ta' Dicembru 2015.

B'dan l-att gew emmendati *inter alia* l-**artikolu 1525 tal-Kap 16** u l-**artikolu 16 tal-Kap 69**, tal-Ligijiet ta' Malta. (Ara ad ez. l-interpretazzjoni fil-kawzi "**Massih Massihnia vs Stivala Properties Ltd. et**"[4] u "**Enriketta Bonnici et vs Gordon Borg**"[5] fejn gie affermat li l-Bord tal-Kera xorta jibqa' "*tribunal specjali b'poteri li jridu jintuzaw entro l-limiti ta' dak li tghid il-ligi. Kwistjonijiet li ma jaqghux entro l-provvedimenti tal-ligijiet li jirregolaw il-kiri jridu per forza jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati ordinarji*."

Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell f'sentenza fl-ismijiet **George Falzon et vs Raymond Buttigieg et** (28 ta' Marzu 2014) qalet li:

"……….*u filwaqt li kif gja` ssemma' minghajr dubju l-kompetenza tohrog mill-att promotorju, jekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti tigi milqugha, l-attur ikollu allura xorta wahda jirrikorri ghall-Bord li Jirregola l-Kera jekk irid jiehu pussess tal-fond in kwistjoni – izda mbaghad fuq kawzali ghal kollox differenti ghaliex tkun giet stabbilita gudizzjarjament relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet*. *Ghalhekk, ladarba l-ewwel Qorti ddecidiet biss, kif giet mitluba taghmel fuq l-ewwel eccezzjoni hija ghamlet sew li kkoncentrat fuq it-talba tal-attur* (kif iddikjarat is-sentenza Refalo vs Azzopardi fuq imsemmija) *li kienet tilob l-izgumbrament fuq il-kawzali li l-konvenuti ma ghandhomx titolu u allura kkonkludiet gustament li fuq dik il-bazi li hija kellha tisma' l-kawza u tiddecidiha."*

[4] P.A. MC – deciza fit-2 ta' Lulju 2013.
[5] App Inf. – deciz fl-4 ta' Dicembru 2013.

Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti tibbaza t-talba taghha *stante* li hi thalliet b'legat l-uzu u l-uzufrutt ta' gidu kollu mir-ragel taghha Kristinu Giordmaina, permezz ta' testament *unica charta* datat 20 ta' Marzu 1983 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef. (fol 9-11).

Min-naha l-ohra l-intimati qed jikkontendu li tul hajjet Kristinu Giordmaina, hu u martu kienu cedew lill-intimati Manicaro, parti mill-art fil-Kuncizzjoni, id-daqs ta' tomna wahda, *ossia* 1124 metri kwadri fir-raba' tenement Numru 50545. Dan fil-fatt, jirrizulta mid-dokument datat 30 ta' Ottubru 1996, esebit a fol 28 li jikkonferma li Odette Manicaro hi rikonoxxuta mid-Dipartiment tal-Artijiet, wara li saret ic-cessjoni tal-kirja mill-genituri taghha li kienu l-kerrejja antecedenti. Din ic-cessjoni tirrizulta mid-dokument datat 30 ta' Ottubru 1996, esebit a fol 29 tal-process, fejn id-Dipartiment tal-Artijiet gharraf lill-konjugi Kristinu u Carmen Giordmaina, li huma cedew 1124 metri kwardi mir-raba` tal-Gvern, lil binthom Odette Giordmaina.

Ghalhekk, ic-cessjoni in kwistjoni tirrizulta li giet accettatata mis-sid, il-Gvern *tramite* d-Dipartiment tal-proprjeta` tal-Gvern, u Odette Manicaro giet rikonoxxuta bhala l-inkwilin fis-sehem li qabel kien f'isem il-genituri taghha.

Jirrizulta mix-xhieda tal-ufficjal li xehed Osterius Aquilina u mid-dokumenti esebiti mill-istess xhud, li n-nies li hemm rikonoxxuti fir-raba` tenement 50545, huma Carmela

Giordmaina, Edward Giordmaina, Marlene Micallef, Stephen Micallef, George Giordmaina, Odette Manicaro, Carmelo Giordmaina, u Carmela Giordmaina, hekk kif jirrizulta minn **Dok OA1** (fol 50). Ix-xhud Osterius Aquilina ikkonferma li r-raba` ossia *tenement* bin-numru 50545, hija akbar minn tomna. Huwa kkonferma wkoll li l-intimata hija rikonoxxuta biss fuq ir-raba` tenement 50545. Hu indika wkoll fuq il-pjanta esebita a fol 61, b'cirku r-razzett mertu tal-vertenza odjerna. Ix-xhud ikkonferma li parti kbira tar-razzett tinsab fir-raba` tenement numru 50544.

Jirrizulta wkoll, li l-intimata kkonfermat li hi qed tiehu hsieb ir-razzett mindu miet missierha, u li kkapparrat ghaliha esklussivament daqs ta' art definit konsistenti f'razzett u f'residenza. Jigi osservat li fir-rigward ta' din l-art definita li certament fiha izjed minn tomna, u li hekk kif gie kkonfermat mix-xhud Osterius Aquilina tinsab aktar fir-raba`( 'tenement') numru 50544, u mhux fir-raba` ('tenement') numru 50545. Ghaldaqstant, wara li din il-Qorti ezaminat ix-xhieda u l-atti tal-kaz, jigi kkonsidrat, li f'din l-art mertu tal-vertenza odjerna, inkluz ir-razzett, l-intimata hija rikonoxxuta bhala inkwilin f'sehem ta' tomna biss fir-raba` tenement numru 50545.

Kien ikun kompetenti l-Bord Dwar Il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' , u mhux il-Prim' Awla, li kieku rrizulta almenu *prima facie* illi l-intimati kellhom titolu ta' qbiela fuq l-art kollha mitluba mir-rikorrenti f'dan il-kaz.[6] Fil-kaz in ezami, rrizulta

[6] Ara **Mudesta Borg et vs Joseph Muscat**, Appell Inferjuri, deciz fit-23 ta' Frar 1996.

li l-intimati ghandhom titolu ta' qbiela fuq tomna art biss li tinsab fir-raba' tenement numru 50545.

Dan premess, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tasserixxi l-kompetenza taghha sabiex tiddetermina jekk l-intimati hux qed jokkupaw minghajr titolu jew b'titolu validu, l-medda ta' art mitluba mir-rikorrenti, fid-dawl tal-**artikolu 2 tal-Att Dwar it-Tigdid tal-Kiri tar-Raba' (Kap 199**). Illi ghandha ssir indagini akkurata minn din il-Qorti dwar it-titlu u l-provenjenza ta' din l-art, u jekk hemmx fil-fatt art li ghandha tigi ritornata lir-rikorrenti.

Ghaldaqstant, tikkonsidra li l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ghandha tigi respinta u tordna li l-kawza tkompli fuq il-mertu.

Illi fid-dawl tal-emmendi introdotti bl-Att XIV tal-2016 *ai termini* tal-**artikolu 741(b) tal-Kap 12**, "*Izda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eccezzjoni hi gustifikata, il-qorti ghandha, permezz ta' digriet 'in camera', li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proceduri tribunal li l-qorti tikkonsidra li ghandhom jiehdu konjizzjoni ta' dik il-kawza.*"

Fil-kaz odjern, il-Qorti hi tal-fehma li l-eccezzjoni mhix gustifikata u ghaldaqstant il-procedura gdida introdotta bl-att IV tal-2016 mhix applikabbli u din id-decizjoni ser tinghata b'sentenza *in parte*.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-ewwel eccezjoni tal-intimati, tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**2 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Gunju 2016**